MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 189/2000/1

**Michelina Sultana**

**Vs**

**Carmelo maghruf bhala Charles Haber u Josephine Haber**

Permezz ta’ citazzjoni prezentata fis-26 ta’ Ottubru 2000 l-attrici qeghda titlob dikjarazzjoni li l-konvenuti ssellfu minghandha s-somma ta’ sittax-il elf tlett mija u hames ewro u wiehed u sittin centezmu (€16,305.61), u sabiex il-qorti tikkundannahom ihallsuha dan l-ammont. Il-konvenuti huma mizzewgin.

Permezz ta’ nota tal-eccezzjonijiet prezentata fl-24 ta’ Jannar 2001 (fol. 7) il-konvenuta Josephine Haber iddikjarat li:-

1. Il-kawza hi simulata in kwantu saret bi ftehim bejn l-attrici u l-konvenut Carmelo Haber in-neputi tal-attrici bl-ghan li l-konvenuta tigi defrawdata peress li ghaddejja minn proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha. L-attrici qeghda tigi mmexxiha fl-ghama mill-konvenut u familjari ohra minghajr ma taf x’qieghed jigri.
2. L-attrici qatt ma sellfet flus lill-konvenuti.
3. Jekk sar xi self dan hu null ghaliex ma giex osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili.
4. Id-dejn ma huwiex wiehed li jtaqqal il-komunjoni tal-akkwisti.
5. Id-dejn sar minn wara dahar il-konvenuta u ghalhekk skond l-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili ghandha taghmel tajjeb ghalih il-parti li ghamlitu.
6. Id-dejn irid jithallas mill-konvenut Carmelo Haber.

Il-konvenut Carmelo Haber baqa’ kontumaci ghalkemm gie notifikat fis-7 ta’ Novembru 2000.

L-attrici xehedet li sellfet lill-konvenuti s-somma ta’ €17,470 sabiex jixtru l-fond 31, Triq Sant’Ursola, Rabat, Ghawdex. Spjegat li l-ftehim ghamlitu man-neputi taghha u l-ewwel tat Lm4,000 lill-mara tieghu fi flus kontanti. Qalet ukoll li Josephine Haber *“kitbet ricevutafejn tikkonferma li jiena tajtha din is-somma.”* (fol. 68). Spjegat ukoll li xi hmistax-il gurnata wara kienet tat is-somma ta’ Lm3,500 lin-neputi; *“Din is-somma kont hadtilhom jiena stess fir-residenza taghhom u cioe 48, Triq l-Arcipriet Cassar, Rabat, Ghawdex. Din is-somma kont poggejtha f’pouch ahmar li ghadu ghand il-konvenut Charlie Haber.”* (fol. 68). L-ircevuta li ghaliha tirreferi l-attrici taqra ***“Jiena Michelina Sultana li selift Lm4,000 lira maltin illum 29th September 1987 lil Charlie Haber”*** u ffirmata mill-attrici biss. In kontro-ezami spjegat li l-ewwel tat Lm3,000 lill-konvenuta, imbaghad Lm1,500 (fol. 101). Qalet ukoll li kienet tat xi flus ohra lin-neputi Carmelo Haber; *“Kont naghtihomlu mhux f’daqqa. Billi kont nahdem jien kont naghtihomlu, x’hin indahhal naghtih.”*.

Il-konvenuta xehedet: *“Jiena neskludi u nichad bl-aktar mod solenni illi Mikelina Sultana qatt tatna jew silfitna xi flus. Jekk xi darba tat xi haga lil zewgi min wara dari, dak*

*jien ma nistax nghidu ghalkemm lanqas qatt ma smajt lil zewgi isemmi li taghtu xi haga."* (fol. 132).

Wara li nstemghu l-provi d-difensuri tal-attrici talab li jitqabbad perit kalligrafu biex jezamina d-dokument a fol. 104 biex jirrelata jekk inkitbitx mill-konvenuta. B'digrietli nghatat fl-20 ta' April 2007 il-qorti laqghet it-talba (fol. 141) u nnominat lil Juliana Scerri Ferrante sabiex tirrelat dwar jekk id-dokument inkitibx mill-konvenuta. Il-perit kalligrafu rrelatat li *"... hemm possibilita li Josephine Haber kitbitha, izda versu bilanc ta' probabilita, il-probabilita ma hiex qawwija, peress li ma hargux karatteristici bizzejjed fil-fehma taghha, li tista' tikkonkludi b'certezza li hemm probabilita u mhux possibilita li Josephine Haber kitbitha."* (fol. 178). Fuq talba tal-attrici gew nominati periti addizzjonali li rrelataw (fol. 296-300) li:-

- Il-kitba fid-dokument a fol. 104 ma saritx mill-istess persuna li ffirmat Mikelina Sultana.
- Ghalkemm fid-dokument a fol. 104 hemm xi ittri li jixbhu l-kalligrafija ta' Carmelo Haber, *"... dawn huma ftit wisq biex wiehed jikkonkludi li din inkitbet minn Charles Haber. Izda l-ftit xebh li hemm ma jfisser xejn u mhux ta' min isemmih, ghax il-persentagg ta' nuqqas ta' xebh nikkalklulaw li jaqbez id-disghin fil-mija"*.
- Ghalkemm irrelataw li l-konvenuta bidlet l-istil tal-kitba taghha, xorta sabu somiljanza bejn il-kalligrafija tal-lum u d-dokument in kwistjoni.
- Ezaminaw id-dijarji tal-konvenuta li gew esebiti u *".... l-kitba fuq dawn id-dokumenti hija identika u kompatibbli mal-kitba in kwistjoni li tinsab a fol. 104 u cioe' kitba ta' Josephine Haber."*[1].

Meta l-konvenuta xehedet *viva voce* fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008 (fol. 252) fuq ordni tal-qorti qalet li:-

- Meta nqala' l-inkwiet ma' zewgha kellha dijarji personali taghha li ttiehdulha.

---

[1] Dawn id-dokumenti gew prezentati wara l-ewwel perizja, tant hu hekk li l-perit gudizzjarju Juliana Scerri Ferrante ddikjarat: *"..... ma gie prodott ebda dokument iehor lilha sabiex tkun tista tezamina u tistudja ben tajjeb l-varjabilita tal-iskrittura ta' Josephine Haber."* (fol. 167).

- Mistoqsija jekk taghrafx id-dijarji bhala dawk li kienet izzomm qalet ***".... ma niftakarx jekk humiex id-diaries li kienu nsterqu lili mid-dar."***.
- Hi u zewgha kienu jzommu d-dijarji.
- L-affarijiet tad-dar kienet tixtrihom hi.
- Kellha penfriend jisimha Wendy li tghix l-Ingilterra, u kugina Josephine Vella li tghix l-Awstralja. Fid-dijarji tal-1996 hemm notamenti dwar ittri li ntbaghatu u li rceviet minghand Wendy. Fid-dijarju tal-1997 fid-data tal-4 ta' Awwissu hemm notament *"Post to Wendy + dolfin earrings."*.
- Fid-dijarji kienet izzomm notament tal-ikel li ssajjar. Fil-fatt fid-dijarji li pprezenta l-konvenut hemm notamenti ta' ikel.
- Fir-rigward tad-dijarju tas-sena 1996 dwar il-kliem "Citadel Theatre" mistoqsija jekk hijiex il-kalligrafija taghha, wiegbet *"illi jista' ikun u jista' ma jkunx."*.
- Meta nqalghu l-problemi fiz-zwieg kienet tikkonsulta ruhha mal-avukat Alfred Grech. Fid-dijarju tal-1997 fid-data tas-6 ta' Settembru hemm notament *"Dr Alfred Grech office 4.00 – 7.00"*.
- Ghalkemm fil-kampjuni tal-kalligrafija li hadet l-ewwel perit kalligrafu l-ittri m'humiex maghqudin, *".... jiena mhux dejjem hekk kont nikteb."*.
- *"Nikkonferma ukoll illi fid-diaries ili jiena kont inzomm gie li xi drabi nizzilt ukoll meta jiena ikolli l-period."*.
- *"Jiena dilettanta tal-cross stitch u jien kif inlestihom naghmilhom go frame."*. Fuq wara tad-dijarju tal-1997 f'pagna bil-kelma *"Notes"* hemm miktub *"cross stitch addresses"* u diversi indirizzi ta' barra minn Malta.
- *"Il-qorti qeghda terga' turini d-dokument li hemm esebit a fol. 104. Mistoqsija jekk jiena ktibtx il-kliem li jinghad f'dan id-dokument li jinsab maghluq fl-envelope, nispjega illi jiena ma naghrafx il-kalligrafija. Jiena lanqas ma nista' naghraf il-firma ta' Michelina Sultana."* (fol. 255).

Il-qorti tistqarr li l-konvenuta ma kienet xejn cara f'certu twegibiet li tat ghad-domandi li sarulha. Il-qorti ma tifhimx kif persuna li tara erbgha (4) dijarji ma tiddikjarax car u tond jekk humiex taghha u ma tkunx kapaci tikkonferma

jekk il-kalligrafija hi taghha. Veru li ghaddew hafna snin minn meta nkitbu pero b'daqshekk persuna ghandha tkun f'posizzjoni li tghid car u tond jekk humiex taghha jew le ladarba tarahom. Madankollu l-konvenuta xorta qalet li **ma tiftakarx** humiex taghha. Kien biss wara domandi ripetuti tal-qorti li l-konvenuta kkonfermat li kienet qeghda taghraf il-kalligrafija taghha f'certi dijarji (ezempju dak tal-1997 fir-rigward tal-partijiet fejn jissemma ikel fil-qiegh tal-pagna, u l-kitba saret b'inka lewn ahmar). Wara li l-qorti kkunsidrat dak li xehedet il-konvenuta fis-seduta tat-8 ta' Frar 2008 u dak li jirrizulta mid-dijarji, m'ghandix dubju li l-erbgha dijarji huma tal-konvenuta u n-notamenti nkitbu minnha.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta ghamlet hafna enfazi fuq il-fatt li l-periti addizzjonali rrelataw li meta ghamlu paragun bejn il-kalligrafija fid-dijarji u l-kalendarju tas-sena 1997 u d-dokument in kwistjoni (fol. 104), huma tal-fehma li nkitbu mill-istess persuna. Hu veru li Carmelo Haber xehed li l-kalligrafija fil-kalendarju tal-1997 hi tieghu. Il-konvenuta taqbel ma' din id-dikjarazzjoni. Ezami ta' dan id-dokument iwassal lill-qorti biex tikkonkludi li l-kalligrafija hi differenti minn dik li nsibu fl-erbgha dijarji li pprezenta l-konvenut. L-iktar ittri prominenti minn fejn tohrog id-differenza huma l-ittri “r” u “L” tal-lira Maltija. Fir-realta' meta taghmel paragun bejn il-kalligrafija fid-dokument a fol. 104 u tad-dijarji, jixtibhu ferm. Hekk per ezempju fid-dijarju tal-1996, fid-data tat-28 ta' Dicembru 1995 hemm “Periods” u dati u x-xahar. Ix-xahar “September” tista' tghid li hi identika ghal xahar “September” miktuba fid-dokument a fol. 104. Il-qorti m'ghandix dubju li din inkitbet mill-konvenuta meta tqies li kkonfermat li fid-dijarji taghha gieli kienet tnizzel il-perjodu tal-menstruwazzjoni. Fl-istess dijarju fid-data tad-29 ta' Dicembru 1995 hemm imnizzla *“letters to Wendy”*. Il-konvenuta kkonfermat li Wendy kienet habiba taghha, u l-qorti m'ghandix dubju li d-dettalji ta' meta l-konvenuta baghatet u rceviet ittri minghand din il-persuna, inkitbu minnha personalment. Il-kalligrafija f'din il-pagna tista' tghid li hi identika ghal dik li hemm fid-dokument a fol. 104. Interessanti wkoll li fl-ahhar tad-dijarju tal-1987[2]

[2] Ara pagna intestata "*Yearly Summary Account of Expenses”*.

hemm dan in-notament: *"liz-zija kelina ghanda intowa – Lm4,000."*. Kalligrafija li tixbah ferm dik tad-dokument in kwistjoni.

Wara li l-qorti ezaminat sew l-erbgha dijarji li gew esebiti mill-konvenut wara l-ewwel perizja, hi moralment konvinta li l-periti addizzjonali ghandhom ragun. Ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' d-dokument a fol. 104 inkiteb mill-konvenuta.

Il-konvenuta ssostni li t-tezi tal-attrici m'ghandix mis-sewwa ghaliex kuntrarjament ghal dak li xehedet ma ssellfux flus minghand l-attrici biex xtraw id-dar peress li uzaw flus li kienu gemmghu. In sostenn tal-verzjoni taghha pprezentat ricevuta ta' Lm2,000 li kien id-depozitu li thallas fuq il-konvenju[3]. Madankollu il-kuntratt ta' xiri li gie pubblikat fil-21 ta' Novembru 1987 jinghad li l-konvenuti kienu qeghdin jixtru l-fond numru 31, Triq Sant'Ursola, Victoria, Ghawdex ghall-prezz ta' Lm5,000, *"u minnhom* ***is-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000) qed jithallsu hawn presenzjalment*** *u tithalla d-debita ricevuta skond il-ligi fuq d ana l-att u l-bilanc ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) ghandhom jithallsu fi zmien erba' snin mill-lum.....".* (enfazi tal-qorti). Il-konvenut isostni li kien hemm xi flus li ma gewx dikjarati. Fil-kuntratt jinghad li fuq il-kuntratt kienet qeghda tithallas is-somma ta' Lm3,000, u ma jinghadx li qeghda tithallas is-somma ta' Lm1,000 ghaliex is-somma ta' Lm2,000 kienet thallset qabel dakinhar. L-argument tal-konvenuta m'huwiex b'sahhtu biex jikkonvinci lill-qorti li l-verzjoni taghha hi iktar kredibbli.

Wiehed jista' jargumenta li ma jaghmilx sens li d-dokument a fol. 104 gie ffirmat mill-attrici u mhux mill-konvenuti li nghataw il-flus.  Pero' gialdarba l-qorti hi sodisfatta li l-attrici rnexxielha taghti prova li d-dokument a fol. 104 inkiteb mill-konvenuta, ifisser li kienet taf bis-self li sar fiz-zwieg u approvatu[4]. Ir-raguni tghidlek li kieku l-

---

[3] Ricevuta datata 11 ta' Settembru 1987 (fol. 134).

[4] Ir-riferenza li saret fin-nota tal-eccezzjonijiet ghall-Artikoli 1326 u 1322 tal-Kodici Civili m'hijiex flokha, u f'kull kaz fiz-zmien li sar is-self dawn il-provvedimenti kienu jipprovdu ghall-presunzjoni dwar dak li jidhol fl-akkwisti u t-

affarijiet saru minn wara dahar il-konvenuta u li qatt ma sar self, il-konvenuta ma kenitx ser taccetta li tikteb dikjarazzjoni simili.

Ghal dak li hu l-bilanc fl-ammont ta’ €6,988 wara li l-qorti rat l-affidavit tal-attrici u l-kontro-ezami, m’hijiex sodisfatta li rnexxielha taghti prova li kien hemm xi flus ohra li ssellfu. F’dan il-kuntest il-qorti kkunsidrat id-diskrepanza li hemm bejn dak li qalet fl-affidavit u in kontro-ezami:

i. Fl-affidavit (fol. 68) l-attrici qalet li:-
(a) Il-ftehim kien li ssellef lin-neputi s-somma ta’ Lm7,500;
(b) Lil Josephine Haber tatha Lm4,000 meta l-konvenuta marret id-dar tal-attrici.
(c) Xi hmistax-il gurnata wara tat is-somma ta’ Lm3,500 lil Carmelo Haber.

ii. In kontro-ezami (fol. 99) l-attrici qalet li:-
(a) Josephine Haber marret id-dar tal-attrici u tatha Lm3,000. Xi granet wara l-attrici marret id-dar ghandha u tatha Lm1,500. Lill-konvenuta tatha b’kollox is-somma ta’ Lm4,500.
(b) Tat ukoll flus lil Carmelo Haber; *“Naghtihomlu ftit ftit... Billi kont naghtihomlu mhux f’daqqa. Billi kont nahdem jien kont naghtihomlu, x’hin indahhal naghtih”*. F’dan ir-rigward ma semmiet l-ebda cifri.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet u:-**

**1. Tiddikjara li l-attrici sellfet lill-konvenuti s-somma ta’ disat elef tlett mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49)[5].**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ disat elef tlett mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49).**

---

tiswijiet li jaqghu fl-akkwisti. Provvedimenti li gew sostitiwiti bl-emendi introdotti bl-Att tal-1993.

[5] Ekwivalenti ghal Lm4,000.

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 57% a karigu tal-konvenuti u 43% a karigu tal-attrici gialdarba l-konvenuti gew kundannati jhallsu inqas minn dak li kienet qeghda titlob l-attrici. B'dan li l-ispejjez relatati mal-perizja addizzjonali ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-konvenuta[6]. Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni gialadarba ma ngabitx prova dwar l-ittra ufficjali li tissemma fic-citazzjoni**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[6] Il-konvenut flimkien ma' martu ghandu jaghmel tajjeb ghall-ewwel perizja peress li pprezenta d-dijarji li kienu fil-pussess tieghu wara din il-perizja.